



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0187/2012

5.6.2012

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (FEG/2012/000 TA 2012 - Għajjnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)
(COM(2012)0160 – C7-0091/2012 – 2012/2058(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Jan Kozłowski

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	6
NOTA SPJEGATTIVA	8
ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI	10
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	14

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament
Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni
finanzjarja soda (FEG/2012/000 TA 2012 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-
Kummissjoni)
(COM(2012)0160 – C7-0091/2012 – 2012/2058(BUD))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0160 – C7-0091/2012),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda¹, (IIA tas-17 ta' Mejju 2006); u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni² (Ir-Regolament FEG),
 - wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu stipulata fil-punt 28 tal-IIA tas-17 ta' Mejju 2006,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0187/2012),
- A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġislattivi u baġitarji xierqa biex jiġi pprovdut appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali mill-akbar fix-xejriet kummerċjali dinjin u biex jiġu megħjuna jerġgħu jintegraw ruħhom fis-suq tax-xogħol,
- B. billi l-Kummissjoni timplimenta l-Fond skont ir-regoli ġenerali stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej³ u r-regoli implimentattivi applikabbli għal din il-forma ta' implimentazzjoni tal-baġit,
- C. billi l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lil ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod effiċjenti, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat il-FEG,

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

- D. billi sa 0.35 % tal-ammont annwali tal-FEG jista' jkun disponibbli kull sena għal għajjnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, sabiex ikunu ffinanzjati l-monitoraġġ, l-informazzjoni, l-appoġġ amministrattiv u tekniku kif ukoll l-attivitajiet ta' awditjar, kontroll u evalwazzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament FEG, kif stipulat fl-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, inkluż l-għoti ta' informazzjoni u l-gwida għall-Istati Membri dwar l-użu, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-FEG u l-għoti ta' taġħrif lis-sħab soċjali nazzjonali u Ewropej dwar l-użu tal-FEG (Artikolu 8(4) tar-Regolament FEG),
- E. billi, skont l-Artikolu 9(2), 'Informazzjoni u pubbliċità', tar-Regolament FEG, il-Kummissjoni għandha twaqqaf sit tal-internet, disponibbli bil-lingwi tal-Unjoni kollha, biex tipprovdi u xxerred informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet, b'enfażi fuq ir-rwol tal-awtorità baġitarja,
- F. billi, abbażi ta' dawk l-artikoli, il-Kummissjoni talbet li l-FEG jiġi mobilizzat sabiex jiġu monitorjati l-applikazzjonijiet riċevuti u mħallsa u l-miżuri proposti u implimentati, tiġi estiża l-websajt, jiġu prodotti pubblikazzjonijiet u strumenti awdjoviżivi, tinħoloq bażi tal-għarfien, jiġi provdut appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Istati Membri, u jitwettaq ix-xogħol preparatorju għall-evalwazzjoni finali tal-FEG,
- G. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament FEG,
- 1.. Jaqbel mal-miżuri proposti mill-Kummissjoni li għandhom jiġu ffinanzjati bħala għajjnuna teknika skont l-Artikoli 8(1) u 4 kif ukoll skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament FEG;
 - 2.. Jinnota li l-Kummissjoni se tibda tipprepara l-evalwazzjoni finali tal-FEG; jiddispijaċih madankollu, li r-riżultati se jaslus tard sabiex jikkontribwixxu fid-diskussjoni dwar ir-regolament il-ġdid għall-FEG fl-2014-2020, speċjalment rigward l-effikaċja tal-użu tal-kriterju tad-deroga marbuta mal-kriżi, billi l-każijiet FEG konċernati ma ġewx analizzati fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-FEG ta' nofs il-perjodu;
 - ..3. Jemmen li jista' jsir iffrankar ieħor fir-rigward tal-appoġġ amministrattiv u tekniku mitlub mill-Kummissjoni;
 - ..4.. Jinterroga lill-Kummissjoni dwar l-impatt u l-effiċjenza tal-għodod ta' informazzjoni ffinanzjati mill-għajjnuna teknika fis-snin li għaddew; jitlob data affidabbli dwar l-użu ta' dawn l-għodod;
 - ..5. Jinnota li l-Kummissjoni se tkompli taħdem fuq il-proċeduri standardizzati għal applikazzjonijiet simplifikati, proċessar aktar mgħaġġel tal-applikazzjonijiet u rappurtar aħjar; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta l-progress li sar wara l-użu tal-għajjnuna teknika fl-2011; ifakkar fil-ħtieġa li jitqassru l-proċeduri ta' applikazzjoni;
 - ..6.. Ifakkar l-importanza tan-netwerking u tal-iskambju ta' informazzjoni dwar il-FEG; jappoġġa għalhekk, il-finanzjament tal-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG; jenfasizza ulterjorment l-importanza ta' kooperazzjoni ma' dawk kollha involuti fl-applikazzjonijiet tal-FEG, inklużi s-sħab soċjali, sabiex jinħolqu s-sinerġiji kollha possibbli;

7.. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jibbenefikaw mill-possibilitajiet ta' skambji tal-aħjar prattiki u jitgħallmu b'mod partikolari minn dawk l-Istati Membri li diġà stabbilixxew netwerks nazzjonali ta' informazzjoni dwar il-FEG bil-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati fil-livell lokali bil-għan li jkollhom struttura tajba għall-għajnuna fis-seħħ fil-każ li jista' jkun hemm sensji tal-massa;

8.. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex jaċċeleraw il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza, f'dan is-sens, il-proċedura mtejbja stabbilita mill-Kummissjoni, wara t-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bil-għan li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta' applikazzjoni tal-FEG tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja flimkien mal-proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG; jittama li jsir aktar titjib fil-proċedura fil-qafas tar-rieżami li ġej tal-FEG u li jinkisbu aktar effiċjenza, trasparenza u viżibilità tal-FEG;

9. Jilqa' l-fatt li wara talbiet ripetuti mill-Parlament, il-baġit tal-2012 juri approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fil-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG; ifakkar li l-FEG inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-oġettivi u bl-iskadenzi tiegħu stess u, għalhekk, jistħoqqlu allokkazzjoni speċifika għalih, li se tevita li jkun hemm trasferimenti minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, li hija xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara għall-ilħuq tal-oġettivi tal-politika tal-FEG;

10. Jiddispjaċih bid-deċiżjoni tal-Kunsill li jibblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li nġhataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali u mhux biss dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fl-istruttura tal-kummerċ fid-dinja, u li tippermetti żieda tar-rata tal-kofinanzjament tal-Unjoni għal 65% tal-ispejjeż tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011, u jitlob lill-Kunsill jerġa jintroduċi din il-miżura mingħajr dewmien;

11. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' xxx

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (FEG/2012/000 TA 2012 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni², u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf sabiex jipprovdi appoġġ addizzjonali lil ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin, u sabiex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xoġhol.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 jistipula li 0.35 % tal-ammont massimu annwali jista' jsir disponibbli kull sena għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. L-awtorità baġitarja tipproponi li jiġi mmobilizzat l-ammont ta' **EUR 730 000**.
- (4) L-FEG għandu, għaldaqstant, jiġi mmobilizzat biex jipprovdi għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' **EUR 730 000** f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

NOTA SPJEGATTIVA

I. L-isfond

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni nħoloq biex jipprovdi għajjnuna addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali mill-akbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ u tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006², il-Fond ma jistax jaqbeż ammont massimu ta' EUR 500 miljun, meħud minn kwalunkwe marġini taħt il-limitu massimu tal-infiq globali mis-sena preċedenti, u/jew mill-appropriazzjonijiet ta' impenn li jkunu ġew ikkanċellati mis-sentejn preċedenti, esklużi dawk relatati mal-Intestatura Ib. L-ammonti xierqa jiddaħħlu fil-baġit b'mod provviżorju hekk kif ikunu ġew identifikati l-marġnijiet suffiċjenti u/jew l-impenni kkanċellati.

Fir-rigward tal-proċedura, sabiex tattiva l-Fond, fil-każ ta' valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni, il-Kummissjoni tippreżenta lill-awtorità baġitarja proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond u, fl-istess ħin, talba korrispondenti għat-trasferiment. B'mod parallel, jista' jiġi organizzat trilogu bil-għan li jinstab qbil dwar l-użu tal-Fond u l-ammonti meħtieġa. It-trilogu jista' jsir f'forma ssimplifikata.

II. Is-sitwazzjoni attwali: Il-proposta tal-Kummissjoni

Fl-4 ta' April 2012 il-Kummissjoni adottat proposta ġdida għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG.

Din tikkonċerna l-mobilizzazzjoni ta' **EUR 1.12 miljun** mill-Fond, li jkopru l-għajjnuna teknika għall-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 8(1) tal-bażi legali, 0.35 % tal-ammont annwali massimu tal-FEG jista' jkun disponibbli kull sena għal għajjnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. Ammont massimu ta' EUR 1.75 miljun jista' jintuża kull sena biex ikopri l-bżonnijiet indikati għall-implimentazzjoni tal-Fond.

Skont il-proposta tal-Kummissjoni, dan l-ammont hu maħsub biex ikopri l-attivitajiet li ġejjin:

Monitoraġġ: Il-Kummissjoni se tiġbor id-data dwar l-applikazzjonijiet li waslu u tħallsu, u l-miżuri proposti u implimentati, u se taġġorna u tistampa l-Istampa tal-Istatistika tal-FEG b'informazzjoni sa tmiem l-2012. Huwa stmat li l-ispiża se tammonta għal EUR 20 000.

Informazzjoni: Il-websajt dwar il-FEG³, li l-Kummissjoni waqqfet fi ħdan il-qasam tagħha tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, u li hija qed iżżomm skont kif meħtieġ mill-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, se tkun aġġornata b'mod regolari, se jiżjed il-kontenut tagħha u kull element ġdid se jkun tradott ukoll fil-lingwi kollha tal-UE. Se jiġu stampati fowlders ta' informazzjoni, u r-rapport annwali tal-FEG se jiġi prodott, tradott, stampat u mqassam. Se tittejjeb is-sensibilizzazzjoni ġenerali dwar il-FEG u l-viżibilità tiegħu, fost affarijiet oħra bil-produzzjoni ta' vidjow ibbażat fuq bosta każijiet tal-FEG li qed

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ <http://ec.europa.eu/egf>

jigū implimentati jew li ġew konklużi dan l-aħħar. Il-FEG se jkun is-suġġett ta' pubblikazzjonijiet u attivitajiet awdjoviżivi varji tal-Kummissjoni. Huwa stmat li dawn kollha se jiswew EUR 200 000.

Il-ħolqien ta' bażi tal-ġharfien : Il-Kummissjoni għadha għaddejja bil-ħidma tagħha bil-ħsieb li twaqqaf proċeduri standardizzati għall-applikazzjonijiet tal-FEG u l-ipproċessar tagħhom, li se jippermetti li l-applikazzjonijiet fil-ġejjieni jkunu ssimplifikati, li l-ipproċessar tagħhom jitħaffef u r-rapporti jinħarġu aktar faċilment għal diversi ħtiġijiet. Huwa stmat li l-ispiża se tammonta għal EUR 60 000.

Hija se toħloq u tirrazzjonalizza bażi ta' data li jkun fiha fatti u ċifri ta' każijiet tal-FEG, inklużi ħaddiema, miżuri u riżultati. Huwa stmat li l-ispiża se tammonta għal EUR 60 000.

Il-Kummissjoni se tiġbor ukoll data dwar l-iskadenzi tat-telf ta' impjeggi fl-Istati Membri, b'mod partikolari skont id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi¹; l-istima ta' dan hija ta' EUR 60 000.

Appoġġ amministrattiv u tekniku: Il-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG, b'membri wieħed minn kull Stat Membru, se jsejjaħ żewġ laqgħat, li flimkien huma stmati li se jammontaw għal EUR 70 000. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se torganizza netwerking u l-iskambju tal-aħjar Prattika fost l-Istati Membri, biex b'hekk tkun qed tagħti l-opportunità lill-parteċipanti b'esperjenza fl-implimentazzjoni tal-FEG li jitgħallmu minn xulxin u jagħtu pariri lil xulxin. Din l-attività ta' netwerking se tinkludi żewġ seminars. L-ispiża totali huwa stmat li se tkun EUR 250 000.

Evalwazzjoni: Il-Kummissjoni se tibda tipprepara l-evalwazzjoni finali tal-FEG permezz ta' kuntratt ma' konsulent estern inkarigat mill-evalwazzjoni tal-każijiet FEG hekk kif u meta jingħalqu matul is-sentejn li jmiss, filwaqt li jiffoka fuq is-sistemi ta' ġestjoni, il-parteċipanti fil-miżuri u r-riżultati. Huwa stmat li l-ispiża għall-ewwel sena ta' din l-evalwazzjoni preparatorja se tammonta għal EUR 400 000, li se tkopri madwar 32 każ, li se jigū evalwati meta r-rapporti finali jaslu għand il-Kummissjoni.

III. Il-finanzjament:

L-IIA jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun. L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 jistipula li 0.35 % ta' dan l-ammont (jiġifieri EUR 1 750 000) jista' jsir disponibbli kull sena għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. Attwalment, l-ammont sħiħ għall-2012 jibqa' disponibbli; s'issa għadu ma ġie allokat xejn għall-għajnuna teknika. Il-kontribuzzjoni proposta għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni fl-2012 hija ta' EUR 1.12 miljun. Wara l-mobilizzazzjoni ta' dan l-ammont, l-ammont ta' EUR 630 000 jibqa' potenzjalment disponibbli f'każ ta' ħtieġa ulterjuri fi stadju aktar tard fis-sena.

Din hi l-ewwel applikazzjoni tal-FEG għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ippreżentata lill-Awtorità Baġitarja fl-2012 għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni. Għalhekk, wara li jitnaqqas mill-appropriazzjonijiet disponibbli l-ammont totali attwali mitlub

¹ ĠU C 225, 12.8.1998, p. 16.

(EUR 1.12 miljun), jibqa' disponibbli ammont ta' EUR 497 237 970 sa tmiem l-2011. Dan se jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokat għall-FEG jibqa' disponibbli għal allokkazzjonijiet matul l-aħħar erba' xhur tas-sena 2012, kif meħtieġ fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-FEG.

IV. Il-proċedura

Il-Kummissjoni ppreżentat talba ta' trasferiment¹ sabiex iddaħħal approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament speċifiċi fil-baġit tal-2012, kif mitlub fil-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

It-trilogu dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG possibilment jaf jieħu forma ssimplifikata (skambju ta' ittri), kif previst fl-Artikolu 12(5) tal-bażi legali, ħlief meta ma jkunx hemm qbil bejn il-Parlament u l-Kunsill.

Skont ftehim intern, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) għandu jkun involut fil-proċess, sabiex jipprovdi appoġġ u kontribut kostruttivi għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond.

Wara l-evalwazzjoni tiegħu, il-Kumitat EMPL tal-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond, li se tinhemeż bħala ittra mar-rapport preżenti.

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, ikkonfermat l-importanza li tiġi żgurata proċedura rapida, bir-rispett dovut għall-Ftehim Interistituzzjonali għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond.

ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

EK/jm

¹ DEC 03/2012 tas-17 ta' April 2011

Is-Sur Alain Lamassoure
President tal-Kumitat għall-Baġits
ASP 13E158

Suġġett: Opinjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għall-każ EGF/2012/000 TA 2012 (COM(2012)160 final)

Għażiż Sur Lamassoure,

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) kif ukoll il-Grupp ta' Ħidma tiegħu dwar il-FEG eżaminaw il-mobilizzazzjoni tal-FEG għall-każ **EGF/2012/000 TA 2012** u adottaw l-opinjoni li ġejja.

Il-Kumitat EMPL u l-Grupp ta' Ħidma tiegħu fuq l-FEG huma favur il-mobilizzazzjoni tal-Fond fir-rigward ta' din it-talba. F'dan ir-rigward, il-Kumitat EMPL jippreżenta xi kummenti, bla ma jqajjem dubji madankollu dwar it-trasferiment tal-ħlasijiet.

Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat EMPL huma bbażati fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- A) Billi skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament FEG (KE) Nru 1927/2006, 0.35% tal-ammont annwali massimu tal-FEG (EUR 500 miljun fis-sena) jista' jkun disponibbli kull sena għal għajjnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni; jenfasizza l-iskop ta' tali għajjnuna teknika - il-monitoraġġ, l-informazzjoni, il-ħolqien ta' bażi ta' għarfien, l-appoġġ amministrattiv u tekniku u l-evalwazzjoni;
- B) Billi l-attivitajiet għall-evalwazzjoni tal-FEG ta' nofs il-perjodu, kif stabbilit fil-paragrafu 1a tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kienu mogħtija b'kuntratt estern bir-riżorsi tal-baġit tal-2010 u billi l-evalwazzjoni ex-post tal-FEG mhux se tibda qabel l-2012.
- C) Billi n-numru ta' każijiet tal-FEG li ġew konklużi sal-lum jipprovdi għal numru konsiderevoli ta' data kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-effett tal-FEG fuq l-impjegabbiltà tal-ħaddiema li nġhataw is-sensja minħabba l-effetti tal-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika;
- D) Billi l-operazzjoni tal-FEG taħt ir-Regolament (KE) Nru 18927/2006 attwali se tispiċċa dalwaqt u din l-analiżi hija importanti ħafna għan-negozjati dwar ir-Regolament FEG il-ġdid għall-perjodu 2014-2020;
- E) Billi l-għajjnuna teknika pprovduta mill-Kummissjoni lill-Istati Membri tappoġġa u ttejjeb l-użu tal-FEG billi ttiprovdi informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet u billi xxerred l-aqwa Prattika bejn l-Istati Membri;
- F) Billi l-Grupp ta' Ħidma dwar il-FEG enfasizza sikwit il-ħtieġa ta' viżibilità aħjar tal-FEG

bħala strument tal-komunità għas-solidarjetà mal-ħaddiema li ngħataw is-senjsa;

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu dwar il-mobilizzazzjoni tal-fond għall-ġhajjnuna teknika tal-Kummissjoni:

1. Jaqbel mal-miżuri proposti mill-Kummissjoni li għandhom jiġu ffinanzjati bħala ġhajjnuna teknika skont il-paragrafi 1 u 4 tal-Artikolu 8 kif ukoll skont il-paragrafu 9 tal-Artikolu 9 tar-Regolament FEG (1927/2006);
2. Jinnota li l-Kummissjoni se tibda tipprepara l-evalwazzjoni finali tal-FEG; jiddispjaċih madankollu, li r-riżultati se jaslu wisq tard sabiex jikkontribwixxu fid-diskussjoni dwar ir-regolament il-ġdid għall-FEG fl-2014-2020, speċjalment rigward l-effikaċja tal-użu tal-kriterju tad-deroga marbuta mal-kriżi, billi l-każijiet FEG konċernati ma ġewx analizzati fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-FEG ta' nofs il-perjodu;
3. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma tipprevedix xi attivitajiet partikolari għas-sensibilizzazzjoni għall-2012, fis-sitwazzjoni fejn l-utilità tal-FEG u l-eżistenza tiegħu fil-perjodu finanzjarju li jmiss huma mqiegħda fid-dubju mill-Istati Membri, inklużi l-utenti frekwenti tal-Fond; ifakkar li l-proposta attwali għall-ġhajjnuna teknika se tħalli madwar EUR 630 000 mhux utilizzati għall-2012;
4. Jinterroga lill-Kummissjoni dwar l-impatt u l-effiċjenza tal-ġhodod ta' informazzjoni ffinanzjati mill-ġhajjnuna teknika fis-snin li għaddew; jitlob data affidabbli dwar l-użu ta' dawn l-ġhodod;
5. Jinnota li l-Kummissjoni se tkompli taħdem fuq il-proċeduri standardizzati għal applikazzjonijiet simplifikati, proċessar aktar mgħaġġel tal-applikazzjonijiet u rappurtar aħjar; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta l-progress li sar wara l-użu tal-ġhajjnuna teknika fl-2011; ifakkar fil-ħtieġa li jitqassru l-proċeduri ta' applikazzjoni;
6. Ifakkar l-importanza tan-netwerking u tal-iskambju ta' informazzjoni dwar il-FEG; jappoġġa għalhekk, il-finanzjament tal-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG; jenfasizza ulterjorment l-importanza ta' kooperazzjoni ma' daww kollha involuti fl-applikazzjonijiet tal-FEG, inklużi s-šhab soċjali, sabiex jinħolqu s-sinerġiji kollha possibbli;
7. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jibbenefikaw mill-iskambju tal-aħjar prattiki u jitgħallmu b'mod partikolari minn daww l-Istati Membri li diġà stabbilixxew netwerks nazzjonali ta' informazzjoni dwar il-FEG bil-parteċipazzjoni tas-šhab soċjali u l-partijiet ikkonċernati fil-livell lokali bil-ġħan li jkollhom struttura tajba għall-ġhajjnuna fis-seħħ fil-każ li jista' jkun hemm sensji tal-massa;

Dejjem tiegħek,

Pervenche Berès

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	31.5.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 7 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Richard Ashworth, Francesca Balzani, Zuzana Brzobohatá, Jean-Luc Dehaene, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Lucas Hartong, Jutta Haug, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, Claudio Morganti, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, László Surján, Jacek Włosowicz
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Alexander Alvaro, Charles Goerens, Edit Herczog, Jürgen Klute, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Peter Šťastný, Gianluca Susta